MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2004

Numru 138/1999

PULIZIJA
SPETTUR MARIA STELLA CUTAJAR
SPETTUR RITA CRIMINALI
VS
SPIRIDIONE CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Spiridione Camilleri ta’ 33 sena, bin Nazzareno u Concetta nee Zarb, imwieled Hamrun fid-29 ta’ Marzu 1965 u joqghod 15, Zurrieq Road, B’Bugia jew 28A, St Paul’s Street, B’Bugia ID Card No 173465M talli bejn il-lejl tad-19 ta’ April 1998 u l-20 ta’ April 1998 minn gewwa R.G.M. Ltd li jinsab fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor cioe l-ammont sostanzjali li ma jeccedix Lm1000 mil-persuna ta’ Ivan Meli fil-kapacita tieghu bhala sid il-hanut maghruf bhala R.G.M. Ltd, li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li kellu jsir uzu minnha specifikat.

Talli sar ricediv b'sentenzi li saru definittivi fil-Qorti ta' Malta nhar l-24 ta' Mejju 1994 Awla B u 31 ta' Lulju 1996 Awla 3.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-23 ta' Jannar 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 293, 49, 50, u 28A tal-kap 9 u tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------